MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 1111/2004

**David Stephen Ganado, numru tal-karta ta’ l-identita’ 520270 (M)**

**Vs**

**Leslie u Stephen konjugi Zammit**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-attur talab il-hlas tas-somma ta’ sitt mija u ghoxrin lira Maltin u disgha u sittin centezmu (Lm620.69c) rapprezentanti in kwantu ghal mitejn u tnejn u disghin lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm292.71c) danni kkagunati mill-konvenuti fl-appartament tieghu liema appartament kien mikri lill-konvenuti u in kwantu ghal tlett mija u sebgha u ghoxrin lira Maltin u tmienja u disghin

centezmu (Lm327.98c) dovuti in konnessjoni ma' kont ta' l-ilma w elettriku ghall-post fuq imsemmi.

Illi fir-Risposta taghhom il-konvenuti qalu li l-attur irid igib il-prova tal-kont tad-dawl u l-ilma u ghandu jnaqqas l-ammont ta' mija u tmenin lira Maltin (Lm180) li huma hallew bhala depozitu akkont. Il-konvenuti qalu li m'ghamlu l-ebda danni fl-appartament.

Ra l-Affidavit ta' Chantal Vassallo li ddiskreviet l-istat tal-fond meta l-konvenuti kienu telqu mill-post.

Ra x-xhieda ta' l-attur li spjega li l-konvenuti riedu jitterminaw il-kirja qabel il-waqt u l-attur accetta dan izda hu kien ftiehem maghhom li jhallsu ta' xahar zejjed. Meta l-attur ha c-cwievet ma kienx impressjonat bl-ammont ta' danni fil-flat izda l-ghada meta mar flimkien ma' Chantal Vassallo ra l-estensjoni tal-hsarat. L-attur esebixxa r-ritratti. Huwa qal li diga' ha in konsiderazzjoni l-ammont ta' mija u tmenin lira Maltin (Lm180) li kien thallas lilu bhala depozitu.

Ra d-dokumenti esebiti.

Illi skond l-Ittra ta' l-avukat ta' l-attur (a fol 41 tal-process) intqal:

"The one months rent is due as agreed to by Mr Zammit in view of the fact that sufficient notice was not given of the termination of the lease."

Ra x-xhieda ta' John Ganado missier l-attur li kkonferma l-istat hazin ta' l-appartament.

Fix-xhieda tieghu Stephen Zammit spjega li wara li kien kera l-fond mill-attur sab ruhu f'diffikultajiet finanzjarji u ghalhekk kellu jittermina l-kirja. Sar ftehim li l-konvenuti jitilqu mill-post fit-3 ta' Jannar, 2004. Zammit qal li halla l-flat f'kundizzjoni tajba hlief ghal-*lampshade* fil-kamra tat-tfal miksura. Il-konvenuti kellhom kelb fil-fond in kwistjoni.

Giet esebita Ittra ta' l-avukat tal-konvenuti fejn intqal:

“When clients accept that they have to pay one months rent at Lm190 and water and electricity bills they refute that they are responsible for any damages…Consequently Leslie and Stephen Zammit inform you that you already hold Lm180 as a deposit from which the one month rent can be deducted and they still owe you the amount of Lm10 and furthermore they owe the amount of Lm327.98c for water and electricity bills.”

Dan huwa kkonfermat mill-Ittra a fol 56 tal-process.

Ra l-Affidavit ta’ Leslie Zammit fejn il-konvenuta spjegat li fit-terminazzjoni tal-kirja l-attur gie fil-fond u accetta li jiehu l-post lura fl-istat li kien.

Fil-kontro-ezami l-konvenuta qalet:
“As far as I knew what we have suggested was that he could keep the amount paid as a deposit in advance as compensation for the early termination.”

**Ikkunsidra**

Illi l-konvenuti jaccettaw li ghandhom ihallsu tlett mija u sebgha u ghoxrin lira Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm327.98c) in konnessjoni mal-kont tad-dawl u l-ilma. Illi mill-Ittri ta’ l-avukat tal-konvenuti u mix-xhieda ta’ Leslie Zammit in kontro-ezami jirrizulta li d-depozitu ta’ mija u tmenin lira Maltin (Lm180) kellu jintuza sabiex jithallas parti minn xahar kera u ghalhekk il-konvenuti ghandhom ihallsu l-ammont kollu ta’ tlett mija u sebgha u ghoxrin lira Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm327.98c) lill-attur.

Illi ghar-rigward id-danni, gew esebiti l-ircevuti u r-ritratti. Illi x-xhieda ta’ l-attur, ta’ missieru u ta’ Chantal Vassallo dwar l-istess danni huma kredibbli. Illi hemm presunzjoni tal-ligi li meta jinkera l-fond l-istess fond kien f’kundizzjoni tajba u l-konvenuti kellhom id-dover jassiguraw li jirritornaw il-fond fl-istess kundizzjoni.

Ghaldaqstant jichad ir-Risposta tal-konvenuti u jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u bl-imghax mit-3 ta’ Gunju, 2004.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------